# 2.3 Fejn Noqogħdu?

Malta hija mdawra bil-baħar, għalhekk tissejjaħ gżira. Fil-fatt Malta tinsab imdawra bil-Baħar Mediterran. Il-Gżejjer Maltin jiffurmaw arċipelagu, jew grupp ta' gżejjer qrib ħafna ta' xulxin. Il-gżejjer ewlenin li jiffurmaw l-arċipelagu ta' Malta huma; Malta, Għawdex u Kemmuna.

Fuq il-mappa ta' Malta ikteb l-isem ta' kull gżira kif indikat hawn taħt.

1. Malta
2. Għawdex
3. Kemmuna
4. Il-Ġebla tal-Ġeneral
5. Filfla
6. Gżira Manoel
7. Gżejjer ta' San Pawl

Bejn il-gżejjer ta' Malta u Għawdex insibu l-gżira ċkejkna ta' Kemmuna. Il-Bajja ta' *Blue Lagoon* hija magħrufa sew għall-baħar ikħal u nadif u għalhekk fis-sajf tkun mimlija bit-turisti u bil-Maltin.



Minbarra l-gżejjer ewlenin insibu wkoll xi gżejjer jew blatiet żgħar, fosthom Filfa, il-Gżejjer ta' San Pawl, il-Gżira Manoel u l-Ġebla tal-Ġeneral. Filfla hija riserva naturali u ħadd ma jista' jitla' fuqha mingħajr permess. Qalb il-blat u l-ġebel imfarrak ibejtu għadd kbir ta' għasafar bħaċ-ċiefa u l-kanġu ta' Filfla.






Aqra sewwa dawn is-sentenzi. Immarka jekk humiex veru jew le.

| | *Veru* | *Mhux Veru* |
|---|---|---|
| • Il-gżira ta' Kemmuna tinsab bejn Għawdex u Sqallija. | ☐ | ☐ |
| • Nistgħu naraw lil Filfla miż-Żurrieq. | ☐ | ☐ |
| • Marsaxlokk jinsab fil-gżira t'Għawdex. | ☐ | ☐ |
| • Il-Gżira Manoel tinsab fil-Port ta' Marsamxett. | ☐ | ☐ |
| • Ħafna jottijiet jorbtu għall-kenn li toffri l-Ġebla tal-Ġeneral. | ☐ | ☐ |
| • Skond it-tradizzjoni, il-ġifen ta' San Pawl inkalja bejn il-Gżejjer ta' San Pawl. | ☐ | ☐ |
| • Il-Blata tal-Ġeneral insibuha fid-Dwejra, Għawdex, u fuqha kien jikber l-għerq sinjur. | ☐ | ☐ |
| • Il-Bajja ta' *Blue Lagoon* tinsab viċin ta' l-Imdina. | ☐ | ☐ |

Kull wieħed u waħda minna noqogħdu f'xi belt jew raħal. Jista' jkun villaġġ żgħir fil-kampanja jew belt b'ħafna bini għoli u modern. Il-bliet u l-irħula tagħna huma differenti minn xulxin u jaqdu funzjonijiet differenti.



Marsaxlokk
Raħal tas-sajjieda fejn tara ħafna sajjieda u dgħajjes tas-sajd. Illum jiġbed ħafna turisti.



Il-port ta' l-Imġarr f'Għawdex
Il-funzjoni ewlenija tiegħu hi li jgħaqqad iż-żewġ gżejjer flimkien.



Tas-Sliema
Tas-Sliema hi ċentru turistiku u kummerċjali. Issib ħafna lukandi kbar, appartamenti għoljin viċin l-baħar, ħwienet u restoranti.

Iċ-Ċittadella
Is-swar inbnew madwar il-belt biex iwaqqfu l-għadu milli jidħol ġewwa. Illum il-funzjoni inbidlet u l-bibien tas-swar issibhom miftuħin beraħ. Illum kulħadd jista' jżur din il-belt u japprezza l-bini storiku li fiha.








## Fittex fl-Internet

Uża l-*website* t'hawn taħt biex issib:

- Tagħrif dwar il-Gżejjer Maltin.
- Mappa interattiva ta' Malta.
- Stampi u ritratti ta' bini importanti f'inħawi diversi ta' Malta u Għawdex.

*http://schoolnet.gov.mt/geography/primary/workbook*

Ħares lejn din il-mappa. Fiha nsibu l-funzjonijiet u l-attivitajiet ewlenin ta' xi bliet u rħula Maltin. Agħmel vleġeġ biex tqabbel it-tagħrif mogħti ma' l-isem tal-post. Hemm xi wħud minnhom lesti.

Belt ewlenija t'Għawdex li tinsab fin-nofs tal-gżira. Fl-aktar parti għolja tal-belt hemm iċ-Ċittadella u l-Katidral. Issib ħafna ħwienet u uffiċini tal-gvern.

Bajja ramlija fil-Lbiċ tal-gżira t'Għawdex. Il-bajja tinsab fit-tarf ta' wied kbir u fond. Post li jattira t-turisti.

Bajja ramlija f'Għawdex u fl-istess ħin port tas-sajd. Issib lukandi, restoranti u għadd ġmielu ta' appartamenti li jinkrew l-aktar lill-Maltin.

Port ewlieni t'Għawdex fejn jorbtu l-vapuri t'Għawdex. Għall-kenn tal-port issib ukoll għadd ta' dgħajjes tas-sajd u jottijiet.




Port żgħir f'Malta li jintuża mill-vapuri li jaqsmu għal Għawdex.

Inbniet mill-kavallieri u msemmija għall-Gran Mastru ta' żmien l-Assedju l-Kbir. Belt kapitali fejn jiltaqa' l-Parlament. Issib ħafna uffiċini u kummerċ. Ħafna nies jaħdmu hawn.

L-akbar bajja ramlija f'Malta. Insibu r-Riserva Naturali u numru ta' lukandi u restoranti. Il-bdiewa jkabbru l-frott u l-ħxejjex fil-widien tal-post.

Belt imdawra bis-swar u jott marina kbira.

L-ajruport internazzjonali ta' Malta.

Tiswija tal-vapuri fit-tarznari.

Belt fl-għoli qrib ta' l-Imdina. Fiha nsibu fdalijiet storiċi bħall-Katakombi u d-Dar Rumana. Insibu l-Buskett, għelieqi li jagħtu prodotti mill-aqwa u kampanja l-ġmiel tagħha.

Belt turistika li tħares lejn il-Port ta' Marsamxett. Ħafna bini għoli, lukandi, postijiet ta' divertiment, restoranti u uffiċini.

L-aktar port importanti tas-sajd li jinsab fix-Xlokk ta' Malta. Kull nhar ta' Ħadd jarma s-suq tal-ħut. Imfittex sew mit-turisti.

Fuq il-mappa t'hawn taħt ikteb l-isem ta' dawn l-ibliet jew irħula fil-post it-tajjeb.

| | | | |
|---|---|---|---|
| Il-Belt Valletta<br>Il-Gudja<br>Iċ-Ċirkewwa<br>L-Imġarr (Għawdex) | Tas-Sliema<br>Marsaxlokk<br>Victoria | Il-Birgu<br>Ir-Rabat (Malta)<br>Bormla | Marsalforn<br>Il-Mellieħa<br>Ix-Xlendi |



Issa fit-tabella t'hawn taħt ikteb l-isem tal-belt jew raħal (mil-lista ta' fuq) li jaqbel mat-tagħrif mogħti hawn taħt.

| | Belt / raħal |
|---|---|
| • Minn hawn jitlaq il-vapur lejn Għawdex. | |
| • Belt storika mdawra bis-swar fil-Port il-Kbir. Hawn jinsab il-forti ta' Sant'Anġlu. | |
| • Jinsab fil-Port il-Kbir fejn issir it-tiswija tal-vapuri. | |
| • Belt ewlenija t'Għawdex u tinsab fin-nofs tal-gżira. | |
| • L-akbar villaġġ tas-sajd f'Malta u mfittex ukoll mit-turisti. | |
| • Insibu ħafna bini għoli faċċata tal-baħar kif ukoll ħwienet u restoranti. | |
| • Jinsab viċin ta' l-Imdina. Insibu fih ħafna fdalijiet storiċi bħad-Dar Rumana u l-Katakombi. | |
| • L-akbar bajja mrammla f'Malta. Insibu wkoll riserva naturali ta' l-għasafar. | |
| • Port ewlieni t'Għawdex. Hawn jorbtu wkoll ħafna jottijiet u dgħajjes tas-sajd. | |

Uża mappa ta' Malta biex issib x'jisimhom dawn l-inħawi f'Malta u Għawdex. Wara iktibhom f'posthom fit-tisliba.



L-Ajruport Internazzjonali ta' Malta




1. Iħares fuq il-Port il-Kbir u nsibu jott marina ġdida.
2. Bajja fil-Lbiċ t'Għawdex.
3. Min se jitlaq minn Malta bl-ajruplan irid ta' bilfors jiġi hawn.
4. Min hawn jitlaq il-vapur biex imur Għawdex.
5. Ħafna turisti jiġu jaraw id-Dar Rumana viċin tal-belt ta' l-Imdina.
6. Waħda mill-akbar bliet f'Malta, fejn issib ħafna lukandi kbar.
7. Il-vapuri jidħlu hawn għat-tiswija.
8. Jekk trid tixtri ħut frisk hawn jaqbillek tiġi.
9. Belt imdawra bis-swar li tmiss mal-Port il-Kbir u l-Port ta' Marsamxett.
10. Il-belt ewlenija Għawdxija li tinsab fin-nofs tal-gżira.
11. Bajja popolari ħafna mal-Maltin meta jitilgħu Għawdex.

Ħares sewwa lejn il-mappa tal-Gżejjer Maltin. Aqra l-istorja tajjeb u minflok in-numru ikteb l-isem tal-post.






Morna niġbru liż-żiju Salv u liz-zija Marija mill-ajruport fil- (1) ______________ . Kienu ġejjin mill-Awstralja u kienu ilhom għoxrin sena neqsin minn hawn. Ħadnihom dritt il-lukanda f' (2) ______________ peress li kienu s-sagħtejn ta' filgħodu. Ftehmna magħhom biex l-għada wara nofsinhar ngħaddu għalihom biex neħduhom dawra ma' Malta. L-għada nzerta temp sabiħ u peress liz-ziju Salv kien iħobb l-istorja bdejna billi morna sal- (3) ______________ . Rajna s-swar, il-bereġ tal-Kavallieri u dħalna wkoll f'xi mużewijiet. Minn hemm erħejnielha għat-tlett ibliet. L-ewwel żorna (4) ______________ , dħalna Sant Anġlu u wara rajna wkoll il-munument tal-ħaddiema. Wara żorna wkoll Bormla u l-Isla. Għal ħabta tat-tmienja nżilna (5) ______________ biex nieklu ftit ħut frisk f'wieħed mir-restoranti tal-lokal.

Ħares sewwa lejn il-mappa tal-Gżejjer Maltin. Aqra sewwa l-istorja li hemm taħt il-mappa. Ikteb in-numru li jaqbel fil-vojt ħdejn l-ismijiet tal-postijiet. (Hemm aktar numri milli jissemmew fl-istorja).




Immarka l-vjaġġ li għamlu t-tfal fuq il-mappa billi tpinġi vleġeġ minn post għall-ieħor.

Mill-iskola tagħna tar-Rabat ◯ tlaqna għall-ħabta tat-tmienja u nofs. Tista' tgħid li t-tfal kollha ġew. Min kien se jitlef ġurnata Għawdex ma' ta' l-iskola? Traffiku ma sibniex u f'kemm trodd salib wasalna l-Mellieħa ◯. In-nies kienu ġa bdew jinġemgħu fuq il-bajja. L-aktar li kien hemm kienu turisti, peress li kienet ġurnata tax-xogħol. Waqafna ftit hemm u dħalna naraw ir-riserva ta' l-għasafar. Xi ġmiel ta' post!

Minn hemm komplejna triqitna lejn iċ-Ċirkewwa ◯. Il-baħar kien kalm u l-vapur tal-Gozo Channel kien ġa qed jgħabbi l-karozzi. Għal ħafna minna din kienet l-ewwel darba li se nżuru Għawdex. Għaddejna minn quddiem Kemmuna ◯ u rajna t-torri fuq is-sies. Ma tantx domna biex wasalna l-Imġarr, port sabiħ, b'veduta mill-isbaħ. Il-port kien mimli b'ħafna dgħajjes tas-sajd kif ukoll jottijiet. Mill-Imġarr, tlajna dritt Victoria ◯ li hi l-belt kapitali t'Għawdex. Mill-pjazza tat-Tokk ħadna ftit pastizzi u xrobna xi ħaġa friska u wara tlajna ċ-Ċittadella. Minn hemm stajna naraw veduta t'Għawdex kollu. Dħalna wkoll il-katidral.

Wara nofsinhar inżilna ngħumu fil-bajja ta' Marsalforn ◯. Kemm qbiżna u lgħabna fuq ir-ramel! Għal ħabta tal-ħamsa, morna nieħdu ġelat mix-Xlendi ◯. Hawn ukoll kien hawn ħafna nies jgħumu imma peress li kien qed isir il-ħin, ma stajniex nerġgħu ninżlu nixxarbu. Biss qgħadna nwaddbu ċ-ċagħaq fil-baħar. Qbadna l-vapur tas-sebgħa mill-Imġarr ◯. Kulħadd kien għajjien mejjet u xi wħud minna raqdu fuq tal-linja.

F'din il-gradilja hemm xi bliet u irħula Maltin u Għawdxin.
Ara kemm jirnexxilek issib minnhom.
Dawk l-inħawi li jinsabu qrib il-baħar tihom lewn ikħal filwaqt li dawk li ma jmissux mal-baħar tihom lewn aħdar.

| | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| M | A | R | S | A | L | F | O | R | N | D | Ċ | N | L |
| E | V | A | L | L | E | T | T | A | Ħ | Ż | I | F | N |
| L | Q | X | R | B | M | Z | Ċ | J | F | I | R | X | J |
| L | P | P | O | I | A | G | H | J | K | L | K | Z | X |
| I | M | Ġ | A | R | R | T | G | B | J | I | E | O | U |
| E | L | A | X | G | S | L | I | E | M | A | W | P | I |
| H | K | S | V | U | A | Ġ | H | V | P | W | W | L | L |
| A | J | D | B | W | X | L | E | N | D | I | A | K | M |
| G | B | O | R | M | L | A | M | Z | O | Q | U | H | G |
| G | U | D | J | A | O | R | A | B | A | T | I | T | V |
| D | E | G | N | G | K | V | I | C | T | O | R | I | A |
| U | V | H | M | Z | K | P | F | R | I | H | T | G | L |

X'hemm sabiħ f'dawn l-irħula u bliet Maltin u Għawdxin?

- Poġġi dawn taħt l-isem tal-post li taħseb li l-aktar issibhom. Xi wħud minnhom joqogħdu f'aktar minn post wieħed.

Riserva naturali, bajja mrammla, jottijiet, Berġa ta' Kastilja, vapuri tal-Gozo Channel, ħwienet kbar, swar, lukandi, parlament, restoranti, port tas-sajd, bini għoli

| Il-Belt Valletta | Ix-Xlendi | Il-Mellieħa | L-Imġarr | Tas-Sliema |
|---|---|---|---|---|
| | | | | |
| | | | | |
| | | | | |
| | | | | |
| | | | | |
| | | | | |